# Kappelli Mostin

Chev. Mario Coleiro K.S.J.

Fil-Mosta nsibu diversi kappelli li huma mferxin mat-toroq u l-pjazez ta' dan ir-raħal kbir. Xi wħud minn dawn il-kappelli nsibuhom xi ftit maqtugħin mill-qalba tar-raħal.

Insibu minnhom li għandhom xi storja marbuta magħhom jew xi leggenda. Fortunatament ħafna minn dawn il-kappelli jinsabu f'idejn tajba u riċentament sarilhom restawr. Ħafna minnhom għadhom funzjonabbli u jintużaw.



### Kappella ta' San Silvestru

Waħda mill-iktar kappelli li tinsab f'żona traffikuża u li riċentament kienet restawrata hija l-kappella ta' San Silvestru Papa, li tinsab fi Vjal l-Indipendeza. Din il-knisja kienet inbniet mill-Kavallier Silvestru Fiteni fl-1664. Din hija l-unika knisja ddedikata lil dan il-qaddis f'Malta. Il-Kwadru titulari tagħha tpitter mill-pittur Stefano Erardi fl-1665.

### Kappella tal-Knisja ta' l-Isperanza

Knisja oħra hija dik magħrufa bħala tal-Madonna ta' l-Isperanza. Jingħad li din inbniet wara wegħda li kienet għamlet waħda tfajla ta' 20 meta kienet qiegħda taħrab minn ġemgħa Furbani li kienu qegħdin jiġru warajha biex jiħduha fil-jasar. Din it-tfajla sabet għar ċkejken u daħlet tistaħba fih. Meta kienet mistoħbija wegħdet lill-Madonna li jekk it-Torok ma jaqbduhiex tibni kappella lill-Madonna fuq dak l-għar li kienet sabet kenn fih. L-istorja tkompli tgħidilna li sakemm it-tfajla kienet ġewwa kien hemm brimba li nisġet l-għanqbuta taħha fid-daħla tal-għar u meta t-Torok raw li l-għar kien magħluq b'għanqbuta irraġunaw li kieku t-tfajla kienet daħlet tistaħba fih kienet tqatta' l-għanqbuta u għalhekk baqgħu sejrin. Jidher li t-tfajla żammet il-wegħda tagħha u bniet il-knisja fuq l-għar. Dan jidher li sar qabel l-Assedju l-Kbir. Dan nafuh miż-żjara ta' Dusina fl-1575 li jinnota li din id-devozzjoni kienet diġà qawwija ħafna dakinhar. Biż-żmien inġabru l-flus biex setgħet tinbena l-knisja li naraw illum li tlestiet fl-1761. Il-kwadru titulari tagħha huwa xogħol ta' Rokku Buhagiar.





### Kappella tal-Kunċizzjoni – Triq Duramblat

Knisja li tinsab xi ftit imbegħda mill-qalba tar-raħal hija l-knisja tal-Kunċizzjoni li kien bena ċertu Bartilmew Busuttil fl-1653. Din il-knisja hija magħrufa bħala Ta' Andar il-Blat. Fil-qedem fiha kienu jiġu iċċelebrati sitt festi tal-Madonna. Matul l-aħħar gwerra dinjija kienet intlaqtet u kważi iġġarfet kopletament. Għalhekk wara il-gwerra kellha terġa' tinbena mill-ġdid. It-Titular huwa xogħol ta' Filippo Dingli.



**Kappella ta' Santa Margerita**
Il-Kappella ħelwa ta' Santa Margerita hija qadima ħafna u jingħad li fiha kienu ndifnu l-vittmi fiż-żmien tal-pesta li kienet laqtet lil Malta fl-1592. Dan jurina li din il-kappella hija eqdem minn din id-data. Fil-fatt Mons. Dusina isemmiha fil-viżta pastorali tiegħu li saret fl-1575. Il-Kwadru titulari huwa ta' awtur mhux magħruf u jinsab fis-sagristija tal-knisja parrokkjali. Minfloku illum insibu kopja.



**Kappella tal-Kunċizzjoni – Ta' -Żejfi**
Il-Kappella tal-Kunċizzjoni magħrufa bħala ta' Bosbesija jew ta' Żejfi inbniet fis-seklu 16 u kien ħallas għaliha d-direttur tagħha Ġamri Camenzuli. Din kienet inbniet minflok waħda iktar qadima. Fiha konna insibu kwadru titulari li kien antik ħafna u li sfortunatament kien insteraq. Illum din il-knisja ġiet restawrata u qegħda terġa' tintuża.



**Kappella ta' San Andrija**
Il-Kappella ta' San Andrija magħrufa bħala " Ta' Dmiegħ" hija qadima ħafna u tissemma f' bosta viżti li għamlu diversi Isqfijiet u dejjem jorbtuha mal-Mosta bħala teritorju. Din inbniet fis-seklu sittax minflok oħra iktar qadima. Filippo Dingli pitter il-kwadru ewlieni ta' San Andrija. Xi żmien ilu din il-knisja kienet irrestawrata u fil-viċin tagħha nbniet oħra biex ir-residenti ta' din ix-xaqliba jkollhom fejn jinqdew.



**Kappella San Leonardu**
Fil-qalba tar-raħal insibu l-kappella ta' San Leonardu li oriġinarjament kienet qadima ħafna. Din li naraw illum inbniet mis-sinjura Bernarda Manġion u kienet lesta fl-1658. Fi żmien ir-rettur Dun Karm Camilleri Chetcuti inbena il-kampnar il-ġdid li kien lest fl-1907. Il-Kwadru titulari huwa xogħol tal-pittur Filippo Dingli li ġie mpitter fl-1646. Il-knisja hija miżmuma tajjeb ħafna u għada taħdem.

**Knisja ta' San Pawl l-Eremita**

Knisja pittoreska ħafna hija dik ta' San Pawl l-Eremita li tinsab f' Wied il-Għasel ġo għar naturali. Din għandha marbuta magħha l-leġġenda ta' San Kerrew li jingħad li kien tkeċċa mill-abitanti tal-viċin wara li ċanfarhom u kien qasam il-baħar fuq il-mantar tiegħu. Fil-qedem din kellha nixxiha naturali ħierġa mill-blat u kienet devota ħafna. Issemmiet minn Dusina u minn Ġann Franġisk Abela fil-kitbiet tagħhom. Riċentement sarilha xogħol ta' restawr estensiv li salvaha minn qerda totali.



**Kappella San Pawl tal-Qlejja**

Il-Knisja ta' San Pawl ta' Wied il-Qlejja hija magħrufa wkoll bħala "Tal-Minġba". Din hija knisja sabiħa ħafna u pittoreska. Inbiet fl-1690 minflok waħda iktar antika fuq l-istess post. Dbierket minn Dun Ferdinando Casaletti fid-9 ta' Frar 1695. Din il-knisja fuq barra tagħha hija mimlija bi graffiti li jindikaw ħafna wegħdi tal-baħħara. Il-knisja riċentament kienet irrestawrata hi ukoll.



**Kappella ta' Wejda**

Il-knisja sabiħa tal-Viżitazzjoni hija magħrufa bħala Ta' Wejda kienet inbniet fi tmiem is-seklu sittax. Il-Benefatturi tagħha kienu Damjan u Agata Bonnici. Illum fiha insibu kwadru titulari li tpitter fl-1931 minn Ġużeppi Caruana. Il-knisja hija miżmuma tajjeb u kultivata ħafna.

**Il-knisja ta' San Anton Abbati**

Knisja oħra fil-qalba tal-Mosta hija l-knisja ta' San Anton Abbati li nbniet l-ewwel darba qabel l-Assedju l-Kbir u wara reġgħet inbniet fl-1657 bil-ħidma ta' Dun Salv Fenech u Florio Borġ. Din il-knisja minn dejjem kienet miżmuma tajjeb u fiha nsibu prospettiva sabiħa ferm li saret fuq disinn ta' Francesco Saverio Sciortino. Il-kwadru titulari huwa xogħol ta' Filippo Dingli u sar fl-1657.

**Il-knisja tas-Sagra Familja**

Knisja oħra li tinsab fil-limti tal-Mosta hija l-knisja tas-Sagra Familja ta Ħal Dragu jew kif magħrufa aħjar il-Bidnija. Din għandha forma tassew ħelwa f'għamla tonda. Għandha koppla ċkejkna u kampnar żgħir fil-faċċata. Il-kwadru titulari huwa xogħol ta' Ġanni Vella filwaqt li Wistin Camilleri ħadem il-vara ħelwa tas-sagra familja. Din hija knisja oħra li qegħda taqdi tajjeb lil numru ta' familji li jgħixu f'dan ir-raħal ċkejken li jinsab xi ftit imbigħed mill-qalba tal-Mosta.